MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2020

Rikors Kostituzzjonali Numru 129/2018 LM

**Simon Bugeja (K.I. numru 250470M)**

***vs*.**

**Rita Bugeja (K.I. numru 38468M) u b'digriet tat-8 ta' Frar, 2019 ġie msejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali ppreżentat fis-17 ta' Diċembru, 2018 mir-rikorrent **Simon Bugeja** (K.I. numru 250470M) [minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent"], kontra l-intimata **Rita Bugeja** (K.I. numru 38468M), [minn issa 'l quddiem "l-intimata"], li jgħid kif ġej:

*"1. Illi l-partijiet iżżewġu f'Malta ġewwa l-Knisja tal-Isla nhar is-sbatax (17) ta' Ġunju 1986 u minn dan iż-żwieġ twieldu Samantha Josephine u Stephen Bugeja li llum huma maġġorenni;*

*2. Illi ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minħabba sevizzi eċċessi inġurji eżerċitati mill-konvenuta kontra l-attur, u li bħala konsegwenza rrendiet il-ħajja konjugali bejn il-partijiet impossibli;*

*3. Illi minħabba s-servizzi, eċċessi u inġurji gravi min-naħa tal-konvenuta kien impossibbli għall-attur li jkompli jgħix mal-konvenuta martu, tant li l-konvenuta telqet mid-dar fil-ħmistax (15) Settembru tas-sena elfejn u għaxra (2010);*

*4. Illi l-partijiet għaddew minn proċess ta' medjazzjoni, iżda dan il-proċess kien wieħed inutli, li ma ħalla l-ebda frott;*

*5. Illi l-attur intavola kawża għas-separazzjoni nhar it-tmienja ta' Frar, 2012, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), fl-ismijiet Bugeja Simon vs Bugeja Rita, Rikors Nru. 27/2012 AL;*

*6. Illi matul il-kawża l-konvenuta allegat li ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment minħabba l-aġir abbużiv u vjolenti tiegħu, illi minħabba fih il-konvenuta kellha taħrab u mhux titlaq mid-dar matrimonjali u ċioe' 'Santa Marija', Triq l-Għeneb, Ħaż-Żebbug Malta;*

*7. Illi l-konvenuta ddikjarat fil-kawża tas-separazzjoni illi hi għandha kull dritt li tirrisjedi fid-dar matrimonjali, illi bħalissa allegat li kellha taħrab minħabba l-aġir l-aġir ta' żewġha, fejn kompliet tallega li l-attur jgħix ma'* partner *tiegħu;*

*8. Illi fuq allegazzjonijiet kontinwi u mingħajr ebda prova u għalhekk infondati fil-fatt u fid-dritt l-konvenuta permezz ta' digriet tal-25 ta' April, 2014, l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat lil Simon Bugeja sabiex fi żmien (4) erba' ġimgħat mid-data tad-Digriet odjern huwa jiżgombra mid-dar matrimonajli ;*

*9. Illi dan jikkostitwixxi vjolazzjoni għall-artikolu 37, dritt għall-proprjetà, tal-Kostituzjoni ta' Malta u Artikolu 1 tal-Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem (Kap.319), hekk kif ser jiġi pruvat matul il-proċediment ta' din il-kawża;*

*10. Illi b'konsegwenza ta' dan kollu l-attur spiċċa jabita ġo garaxx, fejn għal dawn l-aħħar erba' snin qiegħed jiġi trattat b'mod li jmur oltre d-dritt fundamentali tal-bniedem, billi dawn l-allegazzjonijiet foloz da parti tal-konvenuta, irrendiet l-ħajja tal-attur miżera li spiċċa jieħu trattament psikoloġiku;*

11. *Illi dan jikkostitwixxi vjolazzjoni għall-artikolu 36, inhuman treatment, tal-Kostituzjoni ta' Malta u Artikolu 3 tal-Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem (Kap.319), hekk kif ser jiġi pruvat matul il-proċediment ta' din il-kawża;*

In the case, **« Ranninen v. Finland »** decided by the European Court on the 16th December, 1997, it was held:

« In considering whether a punishment or treatment is « degrading » within the meaning of Article 3, regard should be had as to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3 ».

As held in the case **« Peers vs Greece »**, decided by the European Court on the 19th April, 2001,

« The Court recalls that, according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental affects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, among other authorities, Ireland v. the United Kingdom, judgment of 18 January 1978, Series A no. 25, p.65, 162).

Furthermore, in considering whether a treatment is « degrading » within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affect his or her personality in a manner incompatible with Article 3 (see Rannin v. Finland, judgment of 16 December 1997, Reports of Judgements and Decisions, 1997-VIII, pp. 2821-22,55).

In the light of the foregoing, the Court considers that in the present case there is no evidence that there was a positive intention of humiliating or debasing the applicant. However, the Court notes that, although the question whether the purpose of the treatment was to humiliate or debase the victim is a factor to be taken into account, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of violation of Article 3 (fn. 1 (see, for example, Peers v. Greece, no. 28524/95, 74, ECHR 2001-III; and Kalashnikov v. Russia, no. 47095/99, ECHR 2002-VI).

More recently, in the case **« Yancov v. Bulgaria »**, decided by the same Court on the 11th December 2003 it was held;

« In considering whether treatment is « degrading » within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. Even the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3;

Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, Ireland v. The United Kingdom, judgement of 18 January 1978, Series A no. 25, p.65, 162).

*38. Dan jikkonverġi wkoll mal-ħsieb tal-organi taħt il-Konvenzjoni dwar il-kunċett ta' « continuing situation » li dwaru l-Kummissjoni spjegat:*

« …the concept of « continuing situation » refers to a state of affairs which operates by continuous activities by or on the part of the State to render the applicants victims … Since the applicants' complaints have as their source specific events which occurred on identifiable dates, they cannot be construed as a « continuing situation » for the purposes of the six month rule. While the Commission does not doubt that the events of « Bloody Sunday » continue to have serious repercussions on the applicants' lives, this however can be said of any individual who has undergone a traumatic incident in the past. The fact that an even has significant consequences over time does not itself constitute a « continuing situation » *12. (sottolinejar ta' din il-Qorti)*

*39. Sabiex ikun jista' jiġi determinat jekk il-vjolazzjoni tkunx waħda li hi kontinwa u li għalhekk ipperdurat u pprolungat ruħha wara l-mument inizjali li fiha ġiet kommessa irid jittieħed qis tan-natura tal-vjolazzjoni li dwarha jsir l-ilment u tal-fatti partikolari li jagħtu lok għall-ilment.*

12. *Illi matul il-proċediment tal-kawża tas-separazzjoni rik. Nru 27/2012 l-konvenuta kompliet bil-vjolazzjoniet tad-drittijiet tal-bniedem billi għamlet użu a benefiċċju tagħha minn mezzi soċjali li jappartjenu esklussivament lil attur, kif ukoll ittri kunfidenzjali tal-kont bankarju f'isem l-attur sabiex tagħmel vantaġġ minnhom u dan bi vjolazzjoni għal-Artikolu 41, freedom of expression, tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 10 tal-Portokoll tal-*

*Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem (Kap.319), hekk kif jiġi pruvat matul il-proċediment ta' din il-kawża ;*

13. *Illi Artikolu 10 jgħid:*

1. Everyone has the right to freedom of expression. This right shall include freedom to hold opinions and to receive and impart information and ideas without interference by public authority and regardless of frontiers. This Article shall not prevent States from requiring the licensing of broadcasting, television or cinema enterprises.

2. The exercise of these freedoms, since it carries with it duties and responsibilites, may be subject to such formalities, conditions, restrictions or penalties as are prescribed by law and are necessary in a democratic society, in the interests of national security, territorial disorder or crime, for the protection of health or morals, for the protection of the reputation or rights of others, for preventing the disclosure of information received in confidence, or for maintaining the authority and impartiality of the judiciary.

14. *Illi għalkemm persuna għandha l-libertà tal-espressjoni, wieħed għandu jkun responsabbli u jirrispetta d-drittijiet ta' ħaddieħor u hekk kif ritentut*

*Dwar tali id-dritt, fil-kawża '**Axel Springer AG vs Germany'**, deċiża mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-7 ta' Frar 2012, saret referenza għall-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-libertà tal-espressjoni w il-ġurnalist, kif ukoll introduċiet serje ta' kriterji li kellhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi meqjus il-bilanċ li għandu jitlaħaq bejn il-libertà tal-espressjoni u d-dritt tal-individwu privat li jkollu r-reputazzjoni tiegħu protetta, fejn qalet is-segwenti :-*

78. Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self-fulfilment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to « information: or « ideas » that are favourable received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no « democratic society ». As set forth in Article 10, freedom of expression is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly.

*Biex jiġi aċċertat jekk intlaħaqx bilanċ bejn id-dritt tal-libertà tal-espressjoni u id-dritt tal-protezzjoni tar-reputazzjoni, il-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, fl-istess deċiżjoni fuq imsemmija, tgħaddi biex issemmi sitt kriterji importanti illi għandhom jitqiesu sabiex jiġi assikurat li, kif tgħid il-Qorti,* « the right to freedom of expression is being balanced against the right to respect for private life ».

*Dawna l-kriterji kif stabbiliti huma s-segwenti :*

(a) Contribution to a debate of general interest

90. An initial essential criterion is the contribution made by photos or articles in the press to a debate of general interest. The definition of what constitutes a subject of general interest will depend on the circumstances of the case. The Court nevertheless considers it useful to point out that it has recognised the existence of such an interest not only where the publication concerned political issues or crimes, but also where it concerned sporting issues or performing artists. However, the rumoured marital difficulties of a president of the Republic or the financial difficulties of a famous singer were not deemed to be matters of general interest.

(b) How well known is the person concerned and what is the subject of the report?

91. The role or function of the person concerned and the nature of the activities that are the subject of the report and/or photo constitute another important criterion, related to the preceding one. In that connection a distinction has to be made between private individuals and persons acting in a public context, as political figures or public figures. Accordingly, whilst a private individual unknown to the public may claim particular protection of his or her right to private life, the same is not ture of public figures. A fundamental distinction needs to be made between reporting facts capable of contributing to a debate in a democratic society, relating to politicians in the exercise of their official functions for example, and reporting details of the private life of an individual who does not exercise such functions.

Whilst in the former case the press exercises its role of « public watchdog » in a democracy by imparting information and ideas on matters of public interest, that role appears less important in the latter case. Similarly, although in certain special circumstances the public's right to be informed can even extend to aspects of the private life of lic figures, particularly where politicians are concerned, this will not be the case -even where the persons concerned are quite well known to the public – where the published photos and accompanying commentaries relate exclusively to details of the person's private life and have the sole aim of satisfying the curiosity of a particular readership in that respect. In the latter case, freedom of expression calls for a narrower interpretation.

(c) Prior conduct of the person concerned

92. The conduct of the person concerned prior to publication of the report or the fact that the photo and the related information have already appeared in an earlier publication are also factors to be taken into consideration. However, the mere fact of having cooperated with the press on previous occasions cannot serve as an argument for depriving the party concerned of all protection against publication of the report or photo at issue.

(d) Method of obtaining the information and its veracity

93. The way in which the information was obtained and its veracity are also important factors. Indeed, the Court has held that the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith and on an accurate factual basis and provide « reliable and precise » information in accorance with the ethics of journalism.

(e) Content, form and econsequences of the publication

94. The way in which the photo or report are published and the manner in which the person concerned is represented in the photo or report may also be factors to be taken into consideration. The extent to which the report and photo have been disseminated may also be an important factor, depending on whether the newspaper is a nationl or local one, and has a large or a limited circulation.

(f) Severity of the sanction imposed

95. Lastly, the nature and severity of the sanctions imposed are also factors to be taken into account when assessing the proportionality of an interference with the exercise of the freedom of expression.

*Kif ġie osservat fil-kawża Delphi AS vs Estonia deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-10 ta' Ottubru 2013, id-dritt tal-libertà tal-espressjoni, li ġiet invokata mill-intimat, ġiet ikkunsidrata kif ġej:*

78. The fundamental principles concerning the question whether an interference with freedom of expression is « necessary in a democratic society » are well established in the Court's case-law and have been summarised as follows :

(i) Freedom of expressions constitutes one of the essential foundations of a democratic society and on of the basic conditions for its progress and for each individual's selffulfilment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to 'information' or 'ideas' that are favourable received or regarded as

inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no 'democratic society'.  As set forth in Article 10, this freedom is subject to exceptions, which … must, however, be constructed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly …

…

79. Furthermore, the Court reiterates the essential function the press fulfils in a democratic society. Although the press must not overstep certain bounds, particulary as regards the reputation and rights of others and the need to prevent the disclosure of confidential information, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest.  In addition, the Court is mindful of the fact that journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation.  The limits of permissible criticism are narrower in relation to a private citizen than in relation to politicians or governments.

The Court reiterates that the right to protection of reputation is a right which is protected by Article 8 of the Convention as part of the right to respect for private life. In order for Article 8 to come into play, however, an attack on a person's reputation must attain a certain level of seriousness and be made in a manner causing prejudice to personal enjoyment of the right to respect for private life.

81. When examining whether there is a need for an interference with freedom of expression in a democratic society in the interests of the « protection of the reputation or rights of others », the Court may be required to ascertain whether the domestic authorities have struck a fair balance when protecting two values guaranteed by the Convention which may come into conflict with each other in certain cases, namely on the one hand freedom of expression protected by Article 10, and on the other the right to respect for private life enshrined in Article 8.

82. The Court has found that, as a matter of principle, the rights guaranteed under Articles 8 and 10 deserve equal respect, and the outcome of an applications should not, in principle, vary according to whether it has been lodged with the Court under Article 10 of the Convention by the publisher of an offending article or under Article 8 of the Convention by the person who has been the subject of that article. Accordingly, the margin of appreciation should in principle be the same in both cases of obtaining the information and its veracity, the content, form and consequences of the publication, and the severity of the sanction imposed.

*Tgħid għalhekk l-intimata l-għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja u okkorrendo kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna u għar-raġunijiet fuq imsemmija li:*

1. *Tiddikjara li hemm vjolazzjoni għal-Artikolu 37, dritt għall-proprjetà, tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 1 tal-Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem (Kap.319);*
2. *Tiddikjara li hemm vjolazzjoni għal-artikolu 36,* inhuman treatment*, tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 3 tal-Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem (Kap.319);*
3. *Tiddikjara li hemm vjolazzjoni għal-Artikolu 41,* freedom of expression*, tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 10 tal-Portokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem (Kap.319)."*

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Frar, 2019, fejn wara li rat l-artikolu 961 tal-Kap. 12 ordnat li ssir *ex officio* s-sejħa fil-kawża tal-Avukat Ġenerali a spejjeż tar-rikorrent.

Rat ir-risposta maħlufa tal-intimata **Rita Bugeja** ppreżentata fis-27 ta' Frar, 2019, fejn wieġbet kif ġej:

"1. *Illi għandu jingħad umilment fl-ewwel lok illi r-rikors promotur huwa frivolu u vessatorju u intiż unikament sabiex jiddelunga u jistultifika l-proċess ordinarju involut;*

2. *Illi huwa evidenti mir-rikors promutur illi r-rikorrenti f'dan l-istadju wara li ilu madwar erba' (4) snin mingħajr suċċess jadixxi lill-Qorti li quddiemha qed tinstema' l-kawża ta' separazzjoni sabiex tirrevoka* contrario imperio *d-Digriet tal-25 ta' April tas-sena 2014 fejn il-Qorti kienet ordnat l-iżgumbrament ta' Simon Bugeja mid-dar matrimonjali bl-indirizz* Santa Marija, *Triq l-Għeneb, Ħaż-Żebbuġ (Malta), li qed jallega ksur ta' drittijiet fundamentali unikament sabiex jikkawża aktar skofferenzi lil martu;*

3. *Illi għandu jingħad ukoll illi r-rikors kif esperit huwa insostenibbli stante illi r-rikorrenti ma eżawriex ir-rimedji ordinarji lilu spettanti, qabel ma ġiet esperita l-istanza odjerna. Dana stante illi hawn si tratta digriet* pendente lite *moghti skont id-dispost ta' Artikolu 37 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Kif inhu ben risaput, tali digriet jista' jiġi varjat skont subinċiż 7 tal-artikolu preċitat li jipprovdi "*Id-digriet u l-ordni imsemmija f'dan l-artikolu jistgħu biss jiġu riveduti, mibdula jew revokati fuq rikors magħmul mill-parti li titlob dik ir-reviżjoni, dak it-tibdil, jew dik ir-revoka."

4. *Illi għalhekk jingħad umilment illi r-rikorrenti ma kellu l-ebda impediment sabiex jintavola rikors ieħor bit-talbiet kif postulati fir-rikors li ta lok għal din l-azzjoni u adixxa lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) biex jitlob varjazzjoni u/jew revoka tad-digriet minnu lament bħal ma ilu jagħmel għal dawn l-aħħar snin;*

5. *Illi umilment għandu jiġi rilevat għall-kompletezza illi l-istess liġi tipprovdi ulterjorment illi anke fi stadju fejn id-digriet ikun wieħed finali peress illi kawża għal separazzjoni personali tkun ġiet deċiża, hemm provdut fl-Artikolu 55A(2), kull parti tista' titlob lil Qorti tvarja d-deċiżjoni meħuda minnha fejn ikun hemm,* « Tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi. » ;

6. *Illi għalhekk huwa evidenti illi fil-każ odjern ir-rimedji ordinarji ma ġewx eżawriti qabel ma r-rikorrenti adixxa lil din l-Onorabbli Qorti ;*

7. *Illi għandu jingħad ukoll illi f'dana l-kuntest ġie ritenut* « Il-funzjoni tagħha fl-istħarriġ tagħha tal-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali mressaq mir-rikorrent m'għandux jissarraf f'appell ieħor mis-sentenzi kontestati. Fuq dan, jaqbel ir-rikorrent ukoll. Din il-Qorti hija mogħtija s-setgħa li, f'każ ta' ilment dwar ksur tad-dritt fondamentali tal-persuna għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistħarreġ l-imġiba ta' kull Qorti oħra, imqar jekk tkun waħda ġerarkikament ogħla minnha. Iżda din is-setgħa wiesgħa hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali m'għandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq ikkommettewx żball ta' liġi jew ta' fatt fid-deċiżjonijiet tagħhom. Hija setgħa limitata biex tqis jekk il-proċediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq kienx tassew wieħed imparzjali u « skont il-liġi » » [*PA (Sed Kost) 08/06/05 Noe Grech vs Avukat Ġenerali et] ;*

8. *Illi jiġi umilment rilevat illi fil-mertu m'hemm l-ebda ksur ta' dirttijiet fundamentali kif vantat mir-rikorrenti kif ser jiġi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawża;*

9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri ;*

10. *Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

Rat ir-risposta maħlufa tal-imsejjaħ fil-kawża **l-Avukat Ġenerali**, fejn qal hekk:

*« Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens illi d-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-24 ta' Ottubru 2014 sabiex ir-rikorrent Simon Bugeja jiżgombra mid-dar matrimonjali tivvjola d-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti bl-artikoli 36 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Jgħid ukoll illi l-aġir tal-konvenuta li allegatament għamlet użu mill-mezzi soċjali li jappartjenu esklussivament lill-attur u minn ittri kunfidenzjali tal-kont bankarju f'isem l-attur illeda id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti bl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi l-pretensjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti kif akkampati f'din is-sede kostituzzjonali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti minn din l-Onorabbli Qorti u dan għar-raġunijiet segwenti li qegħdin jingħawtaw mingħajr preġudizzju għal xulxin :*

1. *Illi in linea preliminari l-esponent jirrileva illi hu mhuwiex parti fil-proċeduri ċivili 27/2012AL fl-ismijiet Bugeja Simon vs Bugeja Rita li fihom ingħata d-digriet mertu tal-każ odjern u mhuwiex edott mill-fatti ta' dak il-każ. Għaldaqstant qiegħed jirriżerva illi jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;*

2. *Illi in linea preliminari wkoll ir-risposta tal-esponent ma tindirizzax kwistjonijiet personali li jista' jkun hemm bejn il-partijiet iżda hija limitata biss għall-allegazzjonijiet tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent vis-à-vis l-Istat u vis-à-vis l-aġir tal-Qorti fil-kawża ċivili li hemm bejn il-partijiet, hawn fuq surreferita;*

3. *Illi in linea preliminari, l-esponent jeċepixxi wkoll illi safejn ir-rikorrent qiegħed jilmenta mid-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-24 t'Ottubru 2014 l-esponent għandu rimedju ordinarju inkluż it-talba għall-varjazzjoni jew revoka tal-imsemmi digriet u anke appell u għaldaqstant ma kellux għalfejn jirrikorri għall-proċeduri odjerni. Fid-dawl ta' dan, fil-każ odjern l-esponent jeċepixxi illi l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skont il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. *Illi in linea preliminari wkoll l-esponenti jeċċepixxi illi din il-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali tagħha għandha l-kompitu illi tara jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ kienx hemm ksur jew le tad-drittijiet sanċiti fil-*

*Kostituzzjoni ta' Malta jew fil-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem mhux li tirrevedi s-sentenzi jew digrieti tal-Qrati l-oħra biex tiddeċiedi jekk dawn ġewx deċiżi sewwa jew le. Jingħad hawnhekk illi din l-Onorabbli Qorti bħala Qorti b'kompetenza kostituzzjonali ma tistax isservi bħala qorti tal-appell, minn deċiżjoni ta' qorti oħra li magħha r-rikorrent ma jaqbilx;*

5. *Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u fl-umli fehma tal-esponent għandhom jiġu respinti għar-raġunijiet segwenti:*

6. *Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-każ odjern ċertament illi r-rikorrent ma ġiex assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti;*

7. *Illi l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ġew interpretati mill-Qrati lokali bħala:*

   *«* trattament inuman u degradanti biex jikkwalifika bħala tali jrid ikun *ta' natura gravi, jiġifieri li jkun trattament ta' ċertu piż u severità. » (fn. 1 Joseph Briffa vs Kummissarju tal-Pulizija (deċiż 14 ta' Ġunju 1995 – Qorti Kostituzzjonali)*

8. *Illi l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ġie interpretat hekk mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem:*

« Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see Kafkaris v. Cyprus [GC], no. 21906/04, §95, ECHR 2008). The Court has considered treatment to be 'inhuman' because, inter alia, it was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical or mental suffering. It has deemed treatment to be bodily injury or intense physical or mental suffering. It has deemed treatment to be « degrading » because it was such as to arouse in the victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them (see amont other authorities, Kudla v. Poland [GC], no. 30210/96, §92, ECHR 2000 – XI). In considering whether a punishment or treatment was 'degrading' within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object was to humiliate and debase the person

concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. » (fn. 2 A and Others v. United Kingdom decided 19th February 2009 (App No3455/05)).

9. *Illi għalhekk jidher ċar li l-Qorti Ewropea qed teskludi fi klwalunkwe każ xi sofferenza, angoxxja u biża' fost oħrajn li persuna tista' tesperjenza b'mod inevitabbli fid-dawl ta' trattament leġittimu. Il-Konvenzjoni Ewropea (kif ukoll il-Kostituzzjoni tagħna) ma toffrix protezzjoni minn emozzjonijiet u esperjenzi inevitabbli fiċ-ċirkustanzi ta' trattament leġittimu u skont il-liġi kif inhu fil-każ odjern. Di più d-dispożizzjoni tal-Kodiċi Ċivili li tipprovdi li parti fi żwieġ tiġi żgumbrata mid-dar matrimonjali anke* pendente lite *hija dispożizzjoni li għandha l-għan leġittimu u proporzjonat li tipproteġi d-drittijiet tal-parti l-oħra fiż-żwieġ u tal-membri tal-familja li jkunu qed jiġu assoġġettati għal trattament inaċċettabbli bl-imġiba tal-parti l-oħra fiż-żwieġ;*

10. *Illi d-digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kien wieħed leġittimu u kontemplat fil-liġi;*

11. *Illi l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali hija kontra trattament fost affarijiet oħra premeditat, li jikkawża tbatija fiżika u mentali, u trattament intenzjonat u apposta li joħloq biża', twerwir, angoxxja eċċ bil-għan speċifiku li jumilja u jiddegrada lid-dinjità tal-persuna. Ma jirriżultax li l-fatti speċie tal-każ odjern jistgħu li jammontaw għal dan it-tip ta' trattament u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'għandiex issib ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea li huma essenzjalment irrilevanti fil-kwadru tal-fatt tal-każ odjern;*

12. *Illi fir-rigward tal-allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-esponent jeċċepixxi illi dan l-artikolu huwa inapplikabbli u dan peress illli dan l-artikolu japplika biss f'każ ta' teħid forżuz tal-proprjetà. Illi sabiex wieħed ikun jista' jitkellem fuq teħid forzuż jew obbligatorju, persuna trid tiġi żvestita minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjetà. Però ċertament li fil-każ odjern tali żvestiment ma sarx u dan peress illi r-rikorrent ma tilifx għal kollox id-drittijiet li jista' għandu u għalhekk li l-ilment tar-rikorrenti ma jinkwadrax fil-parametri tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u konsegwentement għandu jiġi miċħud;*

13. *Illi lanqas ma huwa applikabbli l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan peress illi l-*

*Artikolu 1 tal-Protokoll numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma jikkonċernax relazzjonijiet ta' natura kuntrattwali bejn individwi privati u fuq kollox, l-miżura mpunjata huwa ċar illi hija miżura li se mai tikkontrolla l-użu ta' proprjeta u m'hijiex miżura ta' teħid;*

14. *Illi fir-rigward tal-allegat ksur tal-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea l-esponent jeċċepixxi illi l-ilment tar-rikorrent jemana mill-allegat aġir tal-konvenuta Rita Bugeja li fih l-esponent ma kellu x'jaqsam xejn u għaldaqstant l-esponent ma jirrispondix għal dan l-allegat aġir u għall-konsegwenzi legali tiegħu;*
15. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jeċċepixxi illi l-Istat ħa ħsieb li jgħaddi liġijiet sabiex dak li qiegħed jallega r-rikorrent vis-à-vis l-konvenuta Rita Bugeja jiġi meqjus illegali u jkun hemm pieni għal min jinstab ħati u għaldaqstant ir-rikorrent qiegħed f'pożizzjoni illi jieħu l-passi neċessarji sabiex jindirizza l-allegat aġir tal-konvenuta Rita Bugeja fil-konfront tiegħu, dejjem jekk huwa korrett f'dak li qed jallega;*
16. *Illi f'kull każ ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni, u għalhekk it-talbiet tagħhom għandhom jiġu miċħuda ;*
17. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*
18. *Bl-ispejjeż."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet l-avukati difensuri tal-partijiet jitrattaw.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imsejjaħ fil-kawża.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Frar, 2020, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza, li qiegħda tingħata llum.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Ir-rikorrent jispjega li hu u l-intimata kienu żżewġu fis-17 ta' Ġunju, 1986, u kellhom żewġt itfal illum maġġorenni, Samantha Josephine u Stephen. Jirrileva li sussegwentement dan iż-żwieġ kien tkisser ħtija tal-aġir tal-intimata lejh u l-istess intimata kienet iddeċidiet li titlaq mid-dar fil-15 ta' Settembru, 2010. Wara proċess ta' medjazzjoni li ma ħalla l-ebda riżultat pożittiv, huwa kien intavola proċeduri għas-separazzjoni personali minn ma' martu fit-8 ta' Frar, 2012, fil-Qorti tal-Familja permezz ta' rikors numru 27/12AL fl-ismijiet **Simon Bugeja** ***vs.*** **Rita Bugeja**. Wara talba tal-intimata msejsa fuq allegazzjonijiet kontinwi u mingħajr prova, dik il-Qorti tal-Familja fil-25 ta' April, 2014, ordnat lir-rikorrent sabiex fi żmien erba' ġimgħat jiżgombra mid-dar matrimonjali. Huwa għalhekk spiċċa jgħix ġo garaxx li kien beda jikri għal dan l-iskop sabiex b'hekk ġie vjolat id-dritt fundamentali tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà kif sanċit permezz tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'l quddiem "il-Kostituzzjoni"] u mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [minn issa 'l quddiem "il-Konvenzjoni"]. Huwa kien spiċċa wkoll jgħix b'mod li ma kienx xieraq, riżultat ukoll tal-allegazzjonijiet foloz tal-intimata u li jikkostitwixxi trattament inuman bi ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrent jgħid ukoll li matul il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja, l-intimata għamlet użu a benefiċċju tagħha minn mezzi soċjali li jappartjenu lilu biss, kif ukoll minn

korrispondenza kunfidenzjali bankarja f'ismu, u dan sabiex tottjeni vantaġġ fuqu iżda bi ksur tad-dritt fundamentali tiegħu tal-libertà ta' espressjoni kif protett mill-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni.

L-intimata wieġbet li fil-każ odjern ma jirriżulta l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali kif allegat mir-rikorrent. Tgħid li r-rikors maħluf tiegħu huwa intiż biss sabiex itawwal u jxekkel il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja, u għalhekk huwa wieħed frivolu u vessatorju. Tgħid li fl-aħħar erba' snin ir-rikorrent kien ittenta għalxejn li jikkonvinċi lill-Qorti tal-Familja sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha. Issostni wkoll li fi kwalunkwe każ ir-rikorrent għadu ma eżawriex ir-rimedji ordinarji tiegħu stante li d-digriet ingħata *pendente lite* u dan seta' jiġi varjat *ai termini* tas-subartikolu 37(7) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Tgħid ukoll li skont is-subartikolu 55A(2) tal-istess liġi, kull parti tista' titlob lill-Qorti sabiex tbiddel id-deċiżjoni tagħha fejn ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi li jimmeritaw dan.

L-imsejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali jibda billi jissottometti li huwa kien qed jirriżerva li jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ, stante li huwa ma kienx parti mill-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja, u għalhekk ma kienx edott mill-fatti. Fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrent lil din il-Qorti, jilqa' billi jgħid li dan għandu rimedju ordinarju a dispożizzjoni tiegħu, inkluż talba għal varjazzjoni jew revoka tad-digriet, u anki appell, u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex tikkunsidra t-talbiet tiegħu a tenur tas-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi u riżultanzi**

Ir-rikorrent ippreżenta erba' *affidavits* rispettivament ta' Marisa Tabone, Naomi Bartolo, Zaida Bartolo u Jesmond Borg. [1]

**Marisa Tabone** iddikjarat li hi u r-rikorrent kienu ilhom koppja għal dawn l-aħħar tmien snin, wara li ltaqgħet miegħu fis-sena 2010. Filwaqt li spjegat li hi kienet ilha taf lilu u lil martu diversi snin qabel dan, setgħet tiftakar li fis-sena 2003 ir-rikorrent kien ġie *boarded out* peress li kien ibati minn *depression* kbira u kien jieħu l-kura. Darba minnhom fis-sena 2010 hija kienet iltaqgħet miegħu u saret taf li l-intimata kienet telqet mid-dar minn jeddha. Kien qalilha li hu kien mar lura d-dar wara lejl rieqed għand ommu wara l-mewt ta' missieru, u sabha vojta, filwaqt li kien irċieva telefonata mingħand il-Pulizija fejn infurmawh b'rapport tal-intimata li hija kienet telqet għaliex kien isawwatha. Imbagħad f'Novembru ta' dik is-sena huwa ġie żgumbrat mid-dar tiegħu permezz ta' digriet tal-Qorti. Fuq il-*profile* ta' Facebook tiegħu huwa kien tella' xi ritratti ta' meta hu u hi kienu siefru flimkien u l-intimata kienet użathom meta għamlet rikors sabiex setgħet tieħu l-manteniment.

**Naomi Bartolo** filwaqt li spjegat li hija kienet bint Brian Bartolo, l-ex *partner* ta' ommha Marisa Tabone, qalet li hija kienet ilha taf lir-rikorrent sa minn meta kellha seba' snin. Qalet li Simon kien ibati minn *depression* u hu kien ġie żgumbrat mid-dar, filwaqt li d-dar fejn kien jgħix kienet baqgħet vojta.

Oħtha **Zaida Bartolo** xehdet li r-rikorrent kien jaqa' f'*depression* kull darba li jkollu jidher il-Qorti fil-proċeduri tas-separazzjoni.

---

[1] *A fol.* 38 *et seq.* u *fol* 51 tal-atti.

**Jesmond Borg** xehed li huwa kien sar jaf lir-rikorrent meta kien iwassallu t-tfal tiegħu l-iskola permezz tal-*minivan* u minn hemm 'il quddiem iż-żewġ familji saħansitra wkoll kienu bdew joħorġu flimkien. Darba minnhom ir-rikorrent kien ċempillu u qallu li hekk kif wasal lura filgħodu d-dar wara lejl rieqed għand ommu wara l-mewt ta' missieru, sab li l-intimata kienet telqet bit-tfal b'kollox u kienet ukoll battlet id-dar. Darba oħra r-rikorrent kien ċempillu u qallu li l-intimata kienet daħlet id-dar u reġgħet ħadet xi affarijiet u sussegwentement kienet ukoll marret flimkien mal-Marixxalli biex tiġbor xi affarijiet oħra. Sussegwentement ir-rikorrent ġie żgumbrat barra mid-dar u spiċċa bla saqaf, tant hu hekk li kien jorqod fil-karozza.

L-attur xehed permezz ta' *affidavit*.[2] Qal li hu u l-intimata kien iżżewwġu fis-17 ta' Ġunju, 1986, iżda sussegwentement iż-żwieġ tagħhom beda sejjer lura u hu kien fetaħ kawża fil-Qorti tal-Familja għas-separazzjoni personali. L-intimata kienet telqet mid-dar matrimonjali u marret ukoll mal-Pulizija sabiex tiġbor ħwejjiġha u affarijiet oħra u hu qatt ma żammha. Imbagħad permezz ta' digriet tal-24 ta' April, 2014, huwa kien ġie żgumbrat mid-dar matrimonjali għar-raġuni li l-intimata kienet qiegħda tallega li huwa kien qed ikun vjolenti magħha u anki li huwa kien qed jgħix ma' mara oħra f'dik l-istess dar. Huwa stqarr li dan kollu ma kienx minnu u l-intimata baqgħet qatt ma reġgħet daħlet tgħix fid-dar matrimonjali. Sadanittant huwa kien qed jgħix f'karozza jew ġewwa garaxx li kien beda jikri, għaliex filwaqt li huwa ma kellux biex jgħix għaliex ma kienx jaħdem, huwa kien qed ukoll jkollu jħallas il-manteniment lill-intimata. Ir-rikorrent stqarr li huwa kien għamel diversi talbiet lill-Qorti sabiex jidħol jgħix fid-dar matrimonjali, iżda l-Qorti dejjem laqgħet ir-raġunijiet tal-

[2] *A fol.* 70.

intimata u qatt ma tatu raġuni valida għaliex it-talba tiegħu ma kinitx qiegħda tiġi milqugħa. Ir-rikorrent stqarr li huwa kien ilu jsofri minn *depression* sa mill-2003 u saħansitra ġie *boarded out*. Sal-lum huwa kien għadu jbati minn din id-*depression* u kien ukoll jieħu l-kura għaliha. L-intimata min-naħa tagħha kienet għamlet użu abbużiv tal-karta tal-identità tiegħu sabiex jinqelbu l-kontijiet tal-Melita fuq ismu u anki għamlet użu min-numru ta' ritratti tiegħu flimkien ma' Marisa Tabone f'rikors li ppreżentat quddiem il-Qorti fit-13 ta' Novembru, 2015. Għamlet użu wkoll minn ittri kunfidenzjali tal-BOV li kienu f'ismu. Permezz ta' *affidavit*[3] ieħor ippreżentat flimkien ma' nota fit-18 ta' Settembru, 2019, ir-rikorrent ippreżenta u spjega diversi ritratti meħuda minn filmati tul diversi ġimgħat fi Triq l-Għeneb, Żebbuġ. Huwa qal li minn dawn ir-ritratti kien jirriżulta li l-intimata kienet tmur f'din id-dar biss sabiex tieħu u ġġorr xi affarijiet.

Waqt is-seduta tat-28 ta' Ġunju, 2019, xehdet minn jeddha **Dorianne Tanti**[4] in rappreżentanza tal-Bank of Valletta p.l.c., prodotta mir-rikorrent. Ikkonfermat l-indirizzi fejn kienet tintbagħat il-korrispondenza tal-partijiet.

Waqt l-istess seduta xehed it-**Tabib Psikjatra Anthony Dimech**[5], prodott mir-rikorrent. Stqarr li huwa kien ra lir-rikorrent l-ewwel darba fis-sena 2012 u kien bdieh fuq il-kura tad-*depression,* li kienet ir-riżultat ta' diffikultajiet f'ħajtu mat-tfal u mal-mara. Seta' jgħid li r-rikorrent kien mar għall-agħar fis-sena 2015 meta l-Qorti kienet ordnatlu jitlaq mid-dar matrimonjali u kien spiċċa jorqod f'karozza.

---

[3] A *fol.* 188.
[4] A *fol.* 149 *et seq.*
[5] *A fol.* 151 *et seq.*

Xehed ukoll minn jeddu **Reuben Bonnici**[6], rappreżentant tas-soċjetà ARMS Ltd, prodott mir-rikorrent. Ix-xhud ippreżenta kopja ta' kont li ġie mmarkat Dok. RB1[7], prospett li ġie mmarkat Dok. RB2[8] u ftehim li ġie mmarkat Dok. RB3.[9] L-istess xhud xehed ukoll waqt l-udjenza tat-18 ta' Settembru, 2019, fejn ippreżenta diversi *statements* u kkonferma li kien hemm dovut l-ammont ta' €4,328.81 fuq id-dar bl-indirizz Santa Marija, Triq l-Għenba, Ħaż-Żebbuġ.

**Raymond Theuma**[10] prodott mir-rikorrent, xehed ukoll waqt l-istess udjenza. Huwa spjega li xogħlu kien dak ta' invetigatur privat u hu kien tqabbad mir-rikorrent sabiex jinvestiga lill-intimata fejn irriżulta li din kienet qiegħda toqgħod f'appartament ġewwa Ħal-Luqa.

L-intimata xehdet permezz tal-proċedura tal-*affidavit*.[11] Spjegat meta u kif kienu żżewwġu u meta twieldu t-tfal tagħhom. Qalet li huma kienu għamlu żmien joqogħdu għand ommha minħabba l-età żgħira tagħhom u n-nuqqas ta' finanzi, u biż-żmien kienu marru joqgħodu l-Mosta, imbagħad il-Mellieħa u fl-aħħar fid-dar matrimonjali ta' Ħaż-Żebbug. Spjegat li ż-żwieġ tagħhom matul dan iż-żmien kollu ma kien wieħed xejn trankwil u feliċi għaliha, sa meta fl-aħħar telqet mid-dar bit-tfal u marret toqgħod għand ommha l-Mosta wara theddid mingħand ir-rikorrent. Hija ħadet id-dar matrimonjali lura erba' snin wara, meta sabet li r-rikorrent kien żarma kollox, tant hu hekk li hija ma setgħetx tmur toqgħod fiha. L-intimata ppreżentat żewġ ċertifikati mediċi li

[6] *A fol.* 156 *et seq*.
[7] *A fol.* 159.
[8] *A fol.* 161.
[9] *A fol.* 166.
[10] *A fol.* 177 *et seq*.
[11] Dok. RB6 *a fol.* 237.

ġew immarkati bħala Dok. RB8[12], u anki kopja ta' diversi atti li kienu ġew ippreżentati mill-partijiet quddiem il-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja.

**Samantha Bugeja**, bint il-partijiet, xehdet permezz tal-*affidavit*.[13] Spjegat li l-atteġġjament ta' missierha lejn il-familja tiegħu, speċjalment lejn ommha, wasalhom sabiex darba minnhom telqu joqogħdu għand omm ommha ġewwa l-Mosta.

Waqt l-udjenza tas-6 ta' Diċembru, 2019, xehdet l-intimata **Rita Bugeja**[14] minn jeddha. Ikkonfermat li l-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja, kienet awtorizzatha terġa' tidħol toqgħod fid-dar matrimonjali fis-sena 2014. Spjegat li madanakollu hija daħlet toqgħod hemm biss lejn l-aħħar tas-sena 2015 u għall-bidu tas-sena 2016, għaliex ma kinitx f'stat li tgħix fiha. Qalet li hija kienet tmur għand it-tfal ukoll, kemm is-Siġġiewi kif ukoll f'Ħal Luqa, iżda mill-bqija kienet toqgħod id-dar. L-intimata ppreżentat diversi ritratti li ġew immarkati Dok. IBA, Dok. IBB u Dok. IBC sabiex turi allegatament fejn jgħix ir-rikorrent ġewwa l-Armier mas-sieħba tiegħu.

Waqt l-istess udjenza xehdet **Samantha Bugeja**[15], prodotta mill-intimata. Ikkonfermat li hija kienet bint l-intimata u r-rikorrent. Spjegat li meta hija kienet daħlet fid-dar matrimonjali wara li l-Qorti ddeċidiet li ommha setgħet tirritorna tirrisjedi hemm, sabu li d-dar kienet f'stat ħażin ħafna. Qalet li fiha ma kien hemm xejn għaliex ġebel u saqaf biss sabu u bil-mod il-mod bl-għajnjuna tat-tfal tagħha, ommha kienet reġgħet daħlet toqgħod hemm.

[12] *A fol.* 246.
[13] Dok. RB7 *a fol.* 243.
[14] *A fol.* 290 *et seq.*
[15] *A fol.* 300 *et seq.*

Sadanittant ommha kienet tmur għandha matul il-jum sabiex iżżommilha t-tfal u wkoll għand ħuha li għandu tifel. Ħuha kien għamel żmien jgħix Ħal Luqa, iżda llum kien qed jgħix ma' ommha. It-tfal tagħha kien joqgħodu għand ommha meta hija kienet tkun xogħol.

L-imsejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali ppreżenta permezz ta' nota, vera kopja[16] ta' estratt mill-atti tar-rikors numru 27/2012AL fl-ismijiet **Simon *Bugeja* *vs.* Rita Bugeja**.

L-intimata ppreżentat diversi ritratti permezz ta' nota li huma mmarkati minn Dok. JB1 sa Dok. JB5.[17]

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Din il-Qorti qiegħda tintalab mir-rikorrent sabiex tiddikjara li ġie miksur id-dritt tiegħu:

(i) għat-tgawdija tal-proprjetà kif protett mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni permezz tad-digriet [minn issa 'l quddiem "id-digriet"] tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) [minn issa 'l quddiem "il-Qorti tal-Familja"] li ngħata fil-25 ta' April, 2014, fejn ġie ordnat lilu li jiżgombra mid-dar matrimonjali "Santa Marija", Triq l-Għeneb, Żebbuġ;

[16] *A fol.* 305.
[17] *A fol.* 345 sa 360.

(ii) li ma jiġix soġġettat għal trattament inuman kif protett mill-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, stante li llum spiċċa jgħix ġo garaxx bħala konsegwenza tal-eżekuzzjoni ta' dak id-digriet; u

(iii) ta' libertà ta' espressjoni kif protett mill-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni stante li l-intimata waqt il-proċeduri ta' separazzjoni personali rikors numru 27/2012AL fl-ismijiet **Simon Farrugia *vs.* Rita Farrugia** li kienu qegħdin jinstemgħu mill-Qorti tal-Familja, kienet għamlet użu a benefiċċju tagħha ta' mezzi soċjali li jappartjenu esklussivament lilu, u anki minn ittri kunfidenzjali tal-kont bankarju miżmum f'ismu.

L-intimata tissottometti preliminarjament li fil-każ odjern għadhom ma ġewx eżawriti r-rimedji ordinarji li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu r-rikorrent peress li d-digriet ingħata *pendente lite* u dan seta' jiġi varjat *ai termini* tas-subartikolu 37(7) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Tgħid ukoll li skont is-subartikolu 55A(2) tal-istess liġi, kull parti tista' titlob lill-Qorti sabiex tbiddel id-deċiżjoni tagħha fejn ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi li jimmeritaw dan. L-intimata tiċċita dak li qalet din il-Qorti kif diversament preseduta fil-proċeduri fl-ismijiet **Noel Grech *vs.* Avukat General et** deċiża fit-8 ta' Ġunju, 2005, fejn intqal li s-setgħa tal-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali hija limitata b'mod li ma jistgħux iqisu jekk dawk il-Qrati mixlija bi ksur ikkommettewx żball ta' liġi jew ta' fatt fid-deċiżjonijiet tagħhom.

L-imsejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali jilqa' billi jgħid li r-rikorrent għandu rimedju ordinarju għad-dispożizzjoni tiegħu, inkluż talba għal varjazzjoni jew revoka tad-digriet, u anki appell. Għal din ir-raġuni jissottometti li din il-Qorti m'għandhiex tikkunsidra t-talbiet tiegħu, u dan a tenur tas-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319. Jirrileva li l-kompitu ta' din il-Qorti kien li tqis jekk hemmx ksur jew le tad-drittijiet fundamentali kif sanċiti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni u mhux li tirrevedi s-sentenzi jew id-digrieti ta' Qrati oħra, u b'hekk m'għandhiex isservi ta' qorti tal-appell.

Din il-Qorti tqis li r-rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji għad-dispożizzjoni tiegħu qabel ma ressaq l-ilmenti tiegħu quddiemha, u dan qiegħed jingħad fir-rigward ta' kull wieħed mill-ilmenti ta' ksur imressaq minnu. Hawn isir riferiment għas-sentenza mogħtija fit-18 ta' Mejju, 2006, fir-rikors numru 7/2006TM fl-ismijiet **Nardu Balzan Imqareb *vs.* Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja** fejn din il-Qorti, kif diversament preseduta, insenjat hekk:

> *"Rikorsi kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u addottata qabel ma l-Gvern, jew l-amministrazzjoni tagħha, jiġi akkużat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin, meta liċ-ċittadin ikun provdut u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu".*

Issa fil-każ odjern huwa ċar li għal dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tieni lment ta' allegat ksur tad-dritt tat-tgawdija tal-proprjetà u tad-dritt li ma jkunx soġġettat għal trattament inuman, kif sanċiti rispettivament bl-artikolu 37 u mill-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, u anki rispettivament mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, ir-rikorrent għandu rimedju effettiv

taħt is-subartikolu 37(7) tal-Kap. 16 fir-rigward tad-digriet. Hawnhekk huwa għandu d-dritt li jagħmel talba lill-istess Qorti tal-Familja li tkun ħarġet id-digriet sabiex din tirrevedi, tvarja jew tirrevoka tali digriet.

Tqis li r-rimedju li joffri s-subartikolu 37(7) tal-Kap. 16 jissodisfa r-rekwiżiti li din il-Qorti dejjem issenjalat li għandhom jirriżultaw sabiex ir-rimedju jitqies bħala wieħed tajjeb, jiġifieri li tali rimedju jkun aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid tal-ksur lamentat.[18] Tikkunsidra li s-subartikolu 37(7) tal-Kap. 16 ma jippreżenta l-ebda kondizzjoni għal dik il-parti li tixtieq tagħmel it-talba tagħha u għalhekk ir-rikorrent kien u għadu liberu li jadixxi permezz ta' rikors f'kwalunkwe waqt u għal liema raġuni li tkun lill-Qorti tal-Familja sabiex tikkonsidra li tbiddel jew li tirrevoka d-digriet tagħha u d-diskrezzjoni ta' dik il-Qorti mhix imxekkla bl-ebda mod.

Min-naħa tiegħu r-rikorrent ma ġab l-ebda prova li qabel ma wasal sabiex ippreżenta dawn il-proċeduri huwa kien ressaq it-talba tiegħu għal tibdil jew revoka lill-Qorti tal-Familja. L-intimata tgħid li dan għamlu diversi drabi, iżda ma jirriżulta xejn minn dan fl-atti. Jekk imbagħad huwa ma kellu l-ebda suċċess bid-diversi talbiet li huwa seta' għamel lill-Qorti tal-Familja, huwa ma jistax jinvoka ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għaliex mhux neċessarju li r-rimedju li huwa għandu għad-dispożizzjoni tiegħu jiggarantixxi suċċess.[19]

Għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tad-dritt ta' espressjoni tiegħu kif protett mill-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, filwaqt li tosserva li r-rikorrent ma ressaq l-ebda prova sabiex juri li huwa ħa dawk il-

[18] Ara P.A.Kost., **Anthony Camilleri** ***vs.*** **Avukat Ġenerali**, 22.03.12.
[19] Ara P.A.Kost., **John Grech** ***vs.*** **Onor. Prim Ministru**, 31.01.14.

passi sabiex jassigura l-protezzjoni ta' dan id-dritt tiegħu, hawn ukoll issib li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji għad-dispożizzjoni tiegħu. Ma jirriżultax lil din il-Qorti li r-rikorrent talab lill-Qorti tal-Familja għall-isfilz tal-informazzjoni leżiva u lanqas jirriżulta li huwa ħa xi passi fil-konfront tal-intimata meta din allegatament użat informazzjoni jew dokumenti kunfidenzjali li jappartjenu lilu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda teżerċita d-diskrezzjoni tagħha a tenur tas-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319, billi tiddeċiedi li għar-raġunijiet imsemmija għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent stante li ma ġewx eżawriti r-rimedji ordinarji, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimata u tal-imsejjaħ fil-kawża.**

**Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**